

# Quo Vadis?

ta’ Rużar Briffa

Magħmula minn Stefania Scicluna



Fil-poeżija riflessiva *Quo Vadis*?, il-poeta jinqeda b'ħarruba biex b'hekk jaħseb, jirrifletti u jistaqsi diversi mistoqsijiet dwar il-ħajja tal-bniedem.

Rużar Briffa jqabbel il-ħajja tal-bniedem ma' dik tan-natura biex jagħmel eżerċizzju ta' awtoriflessjoni, eżami tal-kuxjenza, biex jaħseb dwar xi kwalità ta' ħajja qed jgħix u fejn sejjer.

Il-ħarruba hija waħda mill-aktar siġar li jgħixu fit-tul. Din tikber bil-mod u bil-paċenzja. B'hekk il-poeta qiegħed jimplika li din il-ħarruba xiħa kellha ħafna żmien biex tosserva lill-bniedem, minn fuq għolja, '*imbiegħda mill-bqija ta' ħutha*' v.3.

- Fl-ewwel strofa Briffa jagħtina stampa dettaljata tal-ħarruba li qiegħda waħidha fuq għolja. Il-poeta jippersonifikaha tul il-poeżija kollha.
- Il-versi li juru l-personifikazzjoni fl-ewwel strofa huma:

(v.1) - *'Weħidha'*

(v.3) - *'imbiegħda mill-bqija ta' ħutha'*

(v.6) - *'ix-xwejħa ħarruba'*

(v.9-10) - *'qed tħares madwarha*
*ħa tara'*

Fit-tieni strofa l-poeta jwasslilna l-ħsibijiet u r-riflessjonijiet tas-siġra. Hi tistagħġeb dwar kemm il-bnedmin jidhru dejjem mgħaġġlin f'ħajjithom. Imbagħad tinfexx tagħmel sensiela ta' mistoqsijiet rettoriċi li lilna l-bnedmin iġegħluna naħsbu dwar il-mod kif qegħdin ngħixu.



Tistaqsi l-akbar mistoqsija:

***"Fejn huma l-għeruq?" V.18***



Din il-metafora f'dan il-vers tħassibna sew, għax turina biċ-ċar li l-bniedem qed jitlef is-sens tal-valuri; fi ftit kliem qed ipoġġi l-flus qabel Alla, qabel il-bniedem innifsu u qabel il-kuntentizza tiegħu stess! Qisu għall-bniedem ma jeżistix mistrieħ, imma ħajtu mmexxija biss mill-ġid li jista' jakkwista: "*u l-lehma biss tagħhom il-ħajja tas-suq?*" (vv. 23-24).

# Il-kuntrast jidher ċar bejn iż-żewġ strofi.

- Fl-ewwel strofa hemm ton trankwill, ritmu kalm u vokabolarju magħżul li jagħtina sens ta' trankwillità u paċi fejn donnu ż-żmien waqaf.
- Min-naħa l-oħra fit-tieni strofa r-ritmu hu aktar mgħaġġel anki bl-użu tal-enjambment u dan jirrifletti l-pass li bih il-bniedem modern jgħix ħajtu.

# TEMI



- Ix-xjuħija
- Is-solitudni
- Is-soċjetà.
- In-natura
- It-tbatija
- Il-valuri
- L-esperjenza tal-ħajja